MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Numru. 77/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

- **vs –**

**MARTIN DEGABRIELE**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat MARTIN DEGABRIELE bin Spiridione u Josephine nee Borg u li joqghod fil-fond Morphy, Triq Geraldu Spiteri, Luqa detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 226254 (M) akkuzat talli:

Fit-tlettax ta' Gunju, 2002 mid-disgha u nofs il-quddiem fil-gzira ta' Ghawdex bi ksur tal-artikolu 34 (b), tal-Att tal-1999 dwar servizzi tal-Ivjaggjar u tat-Turizmu ghall-Malta Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta  organizzajt gita (Gozo

Highlights) li ma kienetx provduta fis-servizz ta’ gwida tat-Turisti.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni b’mod partikolari lil John Magri, Anne Borg u Elenor Mifsud ilkoll in rappresentanza tal-Malta Tourism Authority jghidu li huma ma jafux lill-imputat odjern u li sa fejn jafu huma il-booking sar tramite ufficcju maghruf bhala Oasis Travel ta’ Black Tail Street, San Pawl il-Bahar u d-driver tat-Tour in kwistjoni li allegatament ghamila ta’ gwida kien certu Emanuel Cutajar. Illi l-ebda xhud tal-Prosekuzzjoni ma indika lill-imputat bhala parti mis-setup tal-kumpanija Oasis Travel.

**Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` 34 (b), 43 (1) (a) tal-Att tal-1999 dwar servizzi tal-Ivjaggjar u tat-Turizmu ghall-Malta Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta’ Malta u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tilliberah minn din l-istess akkuza.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------